

21.2.2024

A9-0403/64

Emenda 64
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18. Jappella għall-ħatra ta' Kummissarju tal-Unjoni tad-Difiża (DUC), fil-Kummissjoni li jmiss li jkun responsabbli għall-finalizzazzjoni ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża vera u l-kwistjonijiet kollha relatati mad-difiża, inkluża l-PSDK, wara diviżjoni ċara tal-kompiti mar-Rappreżentant Għoli u Viċi President; jemmen li, flimkien mal-Kumitat ta' Sigurtà u ta' Difiża stabbilit bis-sħiħ fil-Parlament, id-DUC għandu jissorvelja b'mod konġunt baġit apposta u sostanzjali tal-Unjoni tad-Difiża;

imħassar

Or. en

Emenda 65
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

20. Itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-RDC b'mill-anqas 5 000 truppa u kapaċitajiet rilevanti skont in-natura modulari tagħha, disponibbli għal sitwazzjonijiet ta' kriżi f'ambjenti mhux permissivi, bħal kompiti ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni, operazzjonijiet inizjali ta' dħul u stabbilizzazzjoni jew tisħiħ temporanju tal-missjonijiet; iqis li mingħajr impenn politiku sod u aktar riżorsi, l-ambizzjoni li l-RDC tkun operattiva sal-2025 tinsab f'riskju; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 44 tat-TUE matul l-operazzjonalizzazzjoni tal-RDC, kif ukoll f'impenji operattivi oħra tal-PSDK, meta dan ikun rilevanti, sabiex grupp ta' Stati Membri lesti u kapaċi jkunu jistgħu jippjanaw u jwettqu missjoni jew operazzjoni fil-qafas tal-UE u, b'hekk, jiżguraw l-attivazzjoni malajr tal-RDC; itenni li l-RDC għandha tiġi organizzata fuq bażi ta' skadenzi differenti ta' "notice to move" għal partijiet differenti tal-RDC, b'xi wħud li jkollhom "notice to move" ta' bejn ħames u 10 ijiem; jinnota li numru eżatt għat-truppi minimi jista' jiġi vvalutat biss wara li l-pjanifikaturi kunċettwali jkunu analizzaw ix-xenarji potenzjali kollha; iqis li l-RDC tal-UE **għandha** potenzjal **kbir** li ttejjeb sostanzjalment u

20. Itenni l-importanza tal-implimentazzjoni sħiħa tal-RDC b'mill-anqas 5 000 truppa u kapaċitajiet rilevanti skont in-natura modulari tagħha, disponibbli għal sitwazzjonijiet ta' kriżi f'ambjenti mhux permissivi, bħal kompiti ta' salvataġġ u ta' evakwazzjoni, operazzjonijiet inizjali ta' dħul u stabbilizzazzjoni jew tisħiħ temporanju tal-missjonijiet; iqis li mingħajr impenn politiku sod u aktar riżorsi, l-ambizzjoni li l-RDC tkun operattiva sal-2025 tinsab f'riskju; jistieden lill-Istati Membri jqisu l-modalitajiet prattiċi għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 44 tat-TUE matul l-operazzjonalizzazzjoni tal-RDC, kif ukoll f'impenji operattivi oħra tal-PSDK, meta dan ikun rilevanti, sabiex grupp ta' Stati Membri lesti u kapaċi jkunu jistgħu jippjanaw u jwettqu missjoni jew operazzjoni fil-qafas tal-UE u, b'hekk, jiżguraw l-attivazzjoni malajr tal-RDC; itenni li l-RDC għandha tiġi organizzata fuq bażi ta' skadenzi differenti ta' "notice to move" għal partijiet differenti tal-RDC, b'xi wħud li jkollhom "notice to move" ta' bejn ħames u 10 ijiem; jinnota li numru eżatt għat-truppi minimi jista' jiġi vvalutat biss wara li l-pjanifikaturi kunċettwali jkunu analizzaw ix-xenarji potenzjali kollha; iqis li l-RDC tal-UE **jista' jkollha l-potenzjal** li ttejjeb sostanzjalment u tibni

tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-gruppi tattiċi *preċedenti* tal-UE, tindirizza u tegħleb id-diversi nuqqasijiet tagħhom, issaħħaħ *l-awtonomija* strateġika tal-UE u tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-approċċ integrat tal-UE għas-sigurtà u l-paċi;

fuq it-tagħlimiet meħuda *mill-kunċett tal-gruppi tattiċi tal-UE li ma kellhomx suċċess qabel*, tindirizza u tegħleb id-diversi nuqqasijiet tagħhom, issaħħaħ *il-kapaċitajiet strateġiċi* tal-UE u tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-approċċ integrat tal-UE għas-sigurtà u l-paċi; *jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari n-nazzjonijiet kontributuri, jevalwaw il-progress tal-Eurocorps u r-rwol potenzjalment rilevanti tiegħu fl-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa;*

Or. en

21.2.2024

A9-0403/66

Emenda 66
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

23. Ifakkar li l-UE stabbiliet għan fit-tul biex iżżid b'mod sinifikanti l-ambizzjonijiet tagħha u taħdem lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha biex tiskjera sa 60 000 truppa mill-Istati Membri, fuq bażi volontarja, f'operazzjonijiet immexxija mill-UE kif stabbilit fl-oġettiv primarju militari tal-1999;

23. Ifakkar li l-UE stabbiliet għan fit-tul biex iżżid b'mod sinifikanti l-ambizzjonijiet tagħha u taħdem lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tagħha biex tiskjera sa 60 000 truppa mill-Istati Membri, fuq bażi volontarja, f'operazzjonijiet immexxija mill-UE kif stabbilit fl-Oġettiv Primarju ta' Helsinki tal-1999, ***li jeħtieġ li jissaħħu l-forzi armati nazzjonali permezz ta' investimenti u impenji ta' reklutaġġ sostanzjali; ifakkar li d-deċiżjonijiet dwar l-iskjerament u r-rwoli operattivi jridu jibqgħu taħt is-sovranità tal-Istati Membri;***

Or. en

Emenda 67
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħu u li jsir investiment sostanzjali fil-mobbiltà militari tal-forzi armati tagħna, filwaqt li jingħata prijorità lill-investimenti u jitneħħew l-ostakli u l-konnessjonijiet neqsin; ***jistieden lill-Istati Membri jaġixxu biex jissimplifikaw u jarmonizzaw il-proċeduri għall-mobbiltà militari u jqassru l-iskedi ta' żmien għall-għoti ta' permessi biex l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jaġixxu aktar malajr u jżidu l-effiċjenza tar-rispons tagħhom, f'konformità mal-ħtiġijiet u r-responsabbiltajiet tad-difiża tagħhom, kemm fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll f'attivitajiet nazzjonali u multinazzjonali;***

24. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħu u li jsir investiment sostanzjali fil-mobbiltà militari tal-forzi armati tagħna, filwaqt li jingħata prijorità lill-investimenti u jitneħħew l-ostakli u l-konnessjonijiet neqsin; ***jappoġġja l-investimenti strateġiċi l-ġodda fl-infrastruttura ċivili, bħall-portijiet, l-ajruporti u l-awtostradi, li se jippermettu wkoll it-trasferiment bla xkiel ta' unitajiet u provvisti militari, inklużi forzi ta' reazzjoni rapida, tagħmir tqil, merkanzija u għajnuna umanitarja; jissottolinja s-sinifikat tal-kostruzzjoni li għaddejjja tal-Port tal-Komunikazzjoni Ċentrali fil-Polonja, li se jippermetti t-trasferiment rapidu tal-forzi militari tal-Istati Uniti u ta' alleati oħrajn bl-ajru, bit-triq u bil-ferrovija lejn il-Polonja u fix-xaqliba tal-Lvant tan-NATO u se jipprovdi profondità strateġika u faċilità tal-aċċess għall-infrastruttura kritika tat-trasport;***

Or. en

Emenda 68
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħu u li jsir investiment sostanzjali fil-mobbiltà militari tal-forzi armati tagħna, filwaqt li jingħata prijorità lill-investimenti u jitneħħew l-ostakli u l-konnessjonijiet neqsin; jistieden lill-Istati Membri jaġixxu biex jissimplifikaw u jarmonizzaw il-proċeduri għall-mobbiltà militari u jqassru l-iskedi ta' żmien għall-ġhoti ta' permessi biex l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jaġixxu aktar malajr u jżidu l-effiċjenza tar-rispons tagħhom, f'konformità mal-ħtiġijiet u r-responsabbiltajiet tad-difiża tagħhom, kemm fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll f'attivitajiet nazzjonali u multinazzjonali;

24. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jissaħħu u li jsir investiment sostanzjali fil-mobbiltà militari tal-forzi armati tagħna, filwaqt li jingħata prijorità lill-investimenti u jitneħħew l-ostakli u l-konnessjonijiet neqsin; ***ifaħħar l-isforzi li saru mill-Istati Membri, l-alleati, l-UE u n-NATO fil-progress tal-mobbiltà militari fl-Ewropa ċentrali u tal-Lvant kollha***; jistieden lill-Istati Membri ***jkomplu*** jaġixxu biex jissimplifikaw u jarmonizzaw il-proċeduri għall-mobbiltà militari u jqassru l-iskedi ta' żmien għall-ġhoti ta' permessi biex l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jaġixxu aktar malajr u jżidu l-effiċjenza tar-rispons tagħhom, f'konformità mal-ħtiġijiet u r-responsabbiltajiet tad-difiża tagħhom, kemm fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif ukoll f'attivitajiet nazzjonali u multinazzjonali;

Or. en

Emenda 69
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25. Jitlob li tissaħħaħ l-EDA, li jiġu ġestiti r-riċerka avvanzata u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u li jitrawwem akkwist konġunt sabiex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB); jappella għat-titjib tal-finanzjament tad-difiża permezz tal-esplorazzjoni ta' riforma potenzjali tal-politika ta' self tal-Bank Ewropew tal-Investment; jappella għat-tiġih tal-aċċess tal-industriji għall-finanzjament privat biex jiġi żgurat li l-industrija tad-difiża Ewropea jkollha biżżejjed aċċess għall-finanzjament u l-investment pubbliċi u privati fuq bażi sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-iżvilupp ta' parametri għal prodott finanzjarju li għandu l-għan li jappoġġja l-investimenti fis-sigurtà Ewropea, inklużi azzjonijiet mill-industrija tad-difiża;

25. Jitlob li tissaħħaħ l-EDA, li jiġu ġestiti r-riċerka avvanzata u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet u li jitrawwem akkwist konġunt sabiex tissaħħaħ il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB), ***filwaqt li ma jiġix ostakolat l-akkwist ta' xi tagħmir minn pajjiżi tal-istess fehma***; jappella għat-titjib tal-finanzjament tad-difiża permezz tal-esplorazzjoni ta' riforma potenzjali tal-politika ta' self tal-Bank Ewropew tal-Investment; jappella għat-tiġih tal-aċċess tal-industriji għall-finanzjament privat biex jiġi żgurat li l-industrija tad-difiża Ewropea jkollha biżżejjed aċċess għall-finanzjament u l-investment pubbliċi u privati fuq bażi sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni, ***b'kooperazzjoni mal-Istati Membri***, tikkunsidra l-iżvilupp ta' parametri għal prodott finanzjarju li għandu l-għan li jappoġġja l-investimenti fis-sigurtà Ewropea, inklużi azzjonijiet mill-industrija tad-difiża; ***jilqa' r-regoli fiskali ġodda li tranġaw dwar id-defiċits baġitarji, li jippermettu nfiq militari addizzjonali wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja***;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/70

Emenda 70
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

33. Jilqa' l-komunikazzjoni konġunta ta' Ġunju 2023 dwar perspettiva ġdida dwar ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà, li tiddekrivi azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà u d-difiża Ewropea, inkluża l-PSDK; jisħaq fuq il-ħtieġa li nimxu 'l quddiem bl-implimentazzjoni komprensiva tagħha bil-għan li tittejjeb l-effettività operattiva, **inkluż l-użu ta' konsulenti ambjentali għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK sal-2025** u l-appoġġ għall-Istati Membri fl-indirizzar ta' kwalunkwe diskrepanza, ostaklu **u** inċentiv **għat-tħejjija tal-forzi armati tagħhom għat-tibdil** fil-klima, kif mitlub fil-Boxxla Strateġika;

33. Jilqa' l-komunikazzjoni konġunta ta' Ġunju 2023 dwar perspettiva ġdida dwar ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà, li tiddekrivi azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-impatti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali fuq is-sigurtà u d-difiża Ewropea, inkluża l-PSDK; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir progress fl-implimentazzjoni komprensiva tiegħu bil-għan li tissaħħaħ l-effettività operazzjonali, u l-appoġġ għall-Istati Membri **u l-pajjiżi li jospitaw missjonijiet tal-UE** fl-indirizzar ta' kwalunkwe diskrepanza, ostaklu, inċentiv **jew theddida b'konsegwenza tat-tibdil** fil-klima **jew dawk ta' natura ambjentali**, kif mitlub fil-Boxxla Strateġika;

Or. en

Emenda 71
Anna Fotyga
 f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 43

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

43. Jistieden lill-Istati Membri jżidu u jiżguraw livelli sostenibbli ta' nfiq fuq id-difiża biex jaġġustaw għas-sitwazzjoni ġeopolitika kurrenti u jindirizzaw it-theddid sinifikanti lejn is-sigurtà tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri tan-NATO tal-UE jżidu l-baġits militari tagħhom, abbażi ta' valutazzjoni tar-rekwiżiti tagħhom stess, u jonfqu tal-anqas 2 % tal-PDG, b' mod koordinat u komprensiv sew, li jikseb ekonomiji ta' skala u interoperabbiltà, anke meta jfakkar iż-żieda qawwija fl-infiq fuq id-difiża minn rivali oħra, bħar-Russja u ċ-Ċina, u sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-oqsma kollha li jirriżultaw minn ordni ta' sigurtà aktar kontestat u jitqies l-impatt ta' nuqqas ta' investment storiku u inflazzjoni dejjem tikber fuq il-baġits tad-difiża; jissottolinja r-rwol essenzjali tal-EDTIB fit-tagħmir tal-forzi armati tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiproteġu liċ-ċittadini u lill-interessi Ewropej;

43. Jistieden lill-Istati Membri jżidu u jiżguraw livelli sostenibbli ta' nfiq fuq id-difiża biex jaġġustaw għas-sitwazzjoni ġeopolitika kurrenti u jindirizzaw it-theddid sinifikanti lejn is-sigurtà tal-Unjoni; jistieden lill-Istati Membri tan-NATO tal-UE jżidu l-baġits militari tagħhom, abbażi ta' valutazzjoni tar-rekwiżiti tagħhom stess, u jonfqu tal-anqas 2 % tal-PDG, b' mod koordinat u komprensiv sew, li jikseb ekonomiji ta' skala u interoperabbiltà, anke meta jfakkar iż-żieda qawwija fl-infiq fuq id-difiża minn rivali oħra, bħar-Russja u ċ-Ċina, u sabiex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet, **jiżguraw kondiviżjoni tal-piżijiet iktar ġusta fi ħdan in-NATO u fl-Ewropa kollha** u jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fl-oqsma kollha li jirriżultaw minn ordni ta' sigurtà aktar kontestat u jitqies l-impatt ta' nuqqas ta' investment storiku u inflazzjoni dejjem tikber fuq il-baġits tad-difiża; jissottolinja r-rwol essenzjali tal-EDTIB fit-tagħmir tal-forzi armati tal-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jiproteġu liċ-ċittadini u lill-interessi Ewropej;

Or. en

21.2.2024

A9-0403/72

Emenda 72
Anna Fotyga
f' isem il-Grupp ECR

Rapport
Sven Mikser

A9-0403/2023

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023
(2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 44

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

44. Jissottolinja li l-forzi armati Ewropej jiffaċċjaw problemi serji ta' reklutaġġ u ta' żamma; iqis li huwa meħtieġ li jiġu analizzati dawn l-isfidi u ***jistieden għalhekk lir-Rappreżentant Għoli u Viċi President iqabbd lill-EUMC jiġbor u janalizza d-data madwar l-Istati Membri tal-UE dwar dawn il-kwistjonijiet sabiex jidentifika kontromiżuri possibbli***; jirrimarka li Unjoni Ewropea tad-Difiża ***vera*** ma tistax ***tinbena*** mingħajr kultura militari komuni ***u*** jitlob għalhekk lir-Rappreżentant Għoli u Viċi President biex iqabbd lill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża ***biex jimmodernizza u jespandi*** l-moduli edukattivi għall-persunal militari mill-forzi armati tal-Istati Membri;

44. Jissottolinja li l-forzi armati Ewropej jiffaċċjaw problemi serji ta' reklutaġġ u ta' żamma; iqis li huwa meħtieġ li jiġu analizzati dawn l-isfidi u li jiġu identifikati kontromiżuri possibbli ***biex l-Istati Membri u n-NATO jiġu megħjuna jindirizzawhom***; jirrimarka li ***s-sigurtà*** Ewropea ma tistax tiġi ***garantita*** mingħajr ***armati Ewropej b'saħħithom u rabta trans-Atlantika b'saħħitha, akkumpanjata minn*** kultura militari komuni; jitlob għalhekk lill-VP/RGħ iqabbd lill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża ***biex jikkoopera aktar mill-qrib mal-kulleġġi tad-difiża nazzjonali u l-Kulleġġ tad-Difiża tan-NATO sabiex jimmodernizza u jespandi*** l-moduli edukattivi għall-persunal militari mill-forzi armati tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 73**Anna Fotyga, Charlie Weimers**

f' isem il-Grupp ECR

Rapport**A9-0403/2023****Sven Mikser**

L-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023 (2023/2119(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 46***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

46. Jenfasizza li l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna hija parti minn strateġija usa' biex jitbaxxa l-ordni internazzjonali **bbażata** fuq ir-regoli; jitlob lill-UE ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha biex tirrispondi għall-gwerra ibrida, inklużi l-identifikazzjoni u r-rispons għar-Russja, u għal atturi statali u mhux statali oħra li jwettqu kampanji FIMI li huma ta' sfida għall-interessi, il-valuri u s-sigurtà tagħna, inkluż billi jxerrdu narrattivi foloz dwar l-UE jew billi jimmiraw missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK f'oqsma strateġiċi; jesprimi tħassib serju dwar il-perikli li kampanji ta' diżinformazzjoni u ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni xprunati mill-IA, inkluż permezz tal-ħolqien ta' siti web foloz u l-ġenerazzjoni ta' immaġnijiet foloz, joħolqu għall-proċessi demokratiċi, speċjalment fit-tnejjija għall-elezzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jikkooperaw mill-qrib mas-settur privat, mas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-komunità akkademika u teknika fil-ġlieda kontra dawn il-kampanji ta' influwenza malinna u fl-indirizzar ta' teknoloġiji ġodda bħala arma;

46. Jenfasizza li l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna hija parti minn strateġija usa' biex jitbaxxa l-ordni internazzjonali **bbażat** fuq ir-regoli; jitlob lill-UE ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha biex tirrispondi għall-gwerra ibrida, inklużi l-identifikazzjoni u r-rispons għar-Russja, u għal atturi statali u mhux statali oħra li jwettqu kampanji FIMI li huma ta' sfida għall-interessi, il-valuri u s-sigurtà tagħna, inkluż billi jxerrdu narrattivi foloz dwar l-UE jew billi jimmiraw missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK f'oqsma strateġiċi; **jinsab imħasseb ħafna dwar l-istrumentalizzazzjoni kontinwa tal-migranti mill-Federazzjoni Russa u mill-assoċjati tagħha; jitlob lill-UE tirrieżamina u taġġorna l-politiki tagħha dwar is-sigurtà tal-fruntieri, inkluż il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen tal-blokk, sabiex tiproteġi l-fruntieri esterni tal-UE b'livelli massimi ta' sigurtà, fatt li jirrikjedi finanzjament ta' barrieri fiżiċi flimkien mal-użu ta' teknoloġiji intelliġenti li jsaħħu s-sistemi biex jiġi identifikat il-ksur tal-fruntieri;** jesprimi tħassib serju dwar il-perikli li kampanji ta' diżinformazzjoni u ta' manipolazzjoni tal-informazzjoni xprunati mill-IA, inkluż permezz tal-ħolqien ta' siti web foloz u l-ġenerazzjoni ta' immaġnijiet foloz, joħolqu għall-proċessi demokratiċi, speċjalment fit-

tħejjija għall-elezzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jikkooperaw mill-qrib mas-settur privat, mas-soċjetà ċivili, kif ukoll mal-komunità akkademika u teknika fil-ġlieda kontra dawn il-kampanji ta' influwenza malinna u fl-indirizzar ta' teknoloġiji ġodda bħala arma;

Or. en